**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u kif ukoll id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-24 ta' Frar 2014 (Proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru B 2 066 184);

— tiċħad l-oppożizzjoni Nru B 2 066 184 fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-UASI u lill-parti li opponiet għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2015 – Niagara Bottling vs UASI (NIAGARA)**

**(Kawża T-89/15)**

(2015/C 118/56)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Niagara Bottling LLC (Ontario, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Edenborough, QC)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark Nru 1 153 535 li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark verbali "NIAGARA"

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Diċembru 2014 fil-Każ R 784/2014-5

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Frar 2015 – Schoeller Corporation vs UASI – Sqope (SCOPE)**

**(Kawża T-90/15)**

(2015/C 118/57)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Schoeller Corporation GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. van Ackeren, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Sqope SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali "SCOPE" – Applikazzjoni Nru 4 502 341

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-21 ta' Novembru 2014 fil-Każ R 2381/2013-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tirrigwarda l-provvisti ta' servizzi ta' analiżi finanzjarja u ta' informazzjoni finanzjarja;

— tikkundanna lill-parti telliefa għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009.